MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 405/2008

**Yellow Pages (Malta) Limited (C-11814)**

**vs**

**Michael Bharwani**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta’ rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta’ sitt elef, disa’ mija u disgha u hamsin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€6,959.61), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ghal servizzi ta’ reklamar ordnati mill-intimat u debitament ipprestati lill-intimat mis-socjeta’ rikorrenti, u liema somma baqghet ma thallsitx minkejja diversi interpellanzi;

Bl-interessi legali u bl-ispejjez legali, kontra l-intimat, li huwa wkoll ingunt ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fl-24 ta' Frar tas-sena 2009, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Michael Bharwani jhallas is-somma ta' sitt elef, disa' mija u disgha u hamsin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€6,959.61) lis-socjeta' Yellow Pages (Malta) Limited;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kif dedotti kontra l-intimat Michael Bharwani.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------